TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Stephen Compagno

vs

Caruana & Cini Ltd

CCT G11/22/MS

14 ta' Lulju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fis-7 ta' Dicembru 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jordna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' hames telef euro (€5,000) - u dan wara li r-rikorrent xtara *fireplace* minghand s-socjeta' intimata, li beda jaghmel riha qawwija peress illi c-cumnija ma kenitx installata skond ir-regoli u ma kenitx qed tiehu bizzejjed arja. Minkejja diversi tentativi biex jipprova jsib soluzzjoni, s-socjeta' baqghet inadempjenti;

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher quddiem dan it-Tribunal, meta hekk imsejjah biex jaghti x-xiehda tieghu.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal sema' x-xiehda bil-gurament tar-rikorrent u ra d-dokumenti esebiti minnu, li jikkorroboraw bi shih ix-xiehda tieghu. Il-fatt illi hadd mis-socjeta' intimata ma deher quddiem dan it-Tribunal ikompli jsahhah it-tezi tar-rikorrent u jinduci lil dan it-Tribunal favur il-versjoni tar-rikorrent, illi hija verosimili u attendibbli, apparti l-fatt illi hi korroborata bid-dokumenti esebiti.

Illi t-Tribunal, wara li ra l-artikolu 12.01 tal-L.S 378.01 (Regoli dwar it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur), jidhirlu illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' hames telef euro (€5,000.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D.**
**Arbitru**